

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2008/0130(CNS)**

7.11.2008

## **EMENDI 74 - 76**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Donata Gottardi**  
(PE414.201v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Istatut tal-kumpanija  
privata Ewropea (SPE)

Proposta għal regolament  
(COM(2008)0396 – C6-0123(2008) – 2008/0130(CNS))

AM\_Com\_LegOpinion

**Emenda 74**  
**Mariela Velichkova Baeva**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta jkunu twettqu atti f'isem SPE qabel ir-reġistrazzjoni tagħha, is-SPE tista' tassumi l-obbligi li joriġinaw minn tali atti wara r-reġistrazzjoni tagħha. Meta s-SPE ma tassumix dawk l-obbligi, il-persuni li wettqu dawk l-atti għandhom ikunu responsabbli in solidum, mingħajr limitu.

*Emenda*

Meta jkunu twettqu atti f'isem SPE qabel ir-reġistrazzjoni tagħha, is-SPE tista' tassumi l-obbligi li joriġinaw minn tali atti wara r-reġistrazzjoni tagħha. Meta s-SPE ma tassumix dawk l-obbligi ***fi żmien xahar mir-reġistrazzjoni tagħha***, il-persuni li wettqu dawk l-atti għandhom ikunu responsabbli in solidum, mingħajr limitu.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Raġunijiet ta' sikurezza legali.*

**Emenda 75**  
**Mariela Velichkova Baeva**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 27, l-adozzjoni ta' emenda għall-istatut ta' assoċjazzjoni tas-SPE li tvarja d-drittijiet marbuta ma' klassi ta' ishma (inkluż kwalunkwe bidla fil-proċedura għall-varjazzjoni tad-drittijiet marbuta ma' klassi ta' ishma) għandha teħtieġ il-kunsens ta' maġġoranza ta' mhux anqas minn żewġ terzi tad-drittijiet tal-vot marbuta ma' l-ishma maħruġa f'dik il-klassi.

*Emenda*

3. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 27, l-adozzjoni ta' emenda għall-istatut ta' assoċjazzjoni tas-SPE li tvarja d-drittijiet marbuta ma' klassi ta' ishma (inkluż kwalunkwe bidla fil-proċedura għall-varjazzjoni tad-drittijiet marbuta ma' klassi ta' ishma) għandha teħtieġ il-kunsens ta' maġġoranza ta' mhux anqas minn żewġ terzi tad-drittijiet tal-vot marbuta ma' l-ishma maħruġa f'dik il-klassi. ***L-istatut ta' assoċjazzjoni tal-SPE jista' jirrikjedi limitu massimu oġhla ta' maġġoranza.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ħarsien aħjar tad-drittijiet tal-azzjonisti.*

**Emenda 76**

**Mariela Velichkova Baeva**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt g a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ga) l-identifikazzjoni tas-sid preċedenti  
tal-ishma fil-każ ta' trasferiment.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Raġunijiet ta' trasparenza u ċarezza.*